Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

17 ta' Settembru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern tal-elettriku – Moviment liberu tal-merkanzija – Artikolu 35 TFUE – Restrizzjonijiet kwantittativi fuq l-esportazzjoni – Miżuri li għandhom effett ekwivalenti – Miżura nazzjonali li timponi lill-produtturi tal-elettriku joffru l-elettriku disponibbli kollu esklużivament fuq suq kompetittiv iċċentralizzat tal-Istat Membru kkonċernat"

Fil-Kawża C-648/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ottubru 2018, fil-proċedura

**Autoritatea națională de reglementare în domeniul energiei (ANRE)**

vs

**Societatea de Producere a Energiei Electrice în Hidrocentrale Hidroelectrica SA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, S. Rodin, D. Šváby, K. Jürimäe u N. Piçarra (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' Jannar 2020,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Autoritatea națională de reglementare în domeniul energiei (ANRE), minn D. Chiriță, A.-M. Rilling, V. Alicuş, A.-I. Zorzoană u A.-A. Milea, assistiti minn R. Chiriță, O. Chiriță, R. O. Colcieri u B. Pantea, avocați,

– għas-Societatea de Producere a Energiei Electrice în Hidrocentrale Hidroelectrica SA, minn C. Radu, assistit minn C. Alexandru, K. Mansour u C. Calabache, avocați,

– għall-Gvern Rumen, inizjalment minn E. Gane, A. Wellman, R. I. Hațieganu, M. Chicu u C.-R. Canțăr, sussegwentement minn E. Gane, A. Wellman, R. I. Hațieganu u M. Chicu, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn I. V. Rogalski, M. Huttunen u O. Beynet, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' April 2020,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 35 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn l-Autoritatea națională de reglementare în domeniul energiei (ANRE) (l-Awtorità Regolatorja fil-Qasam tal-Enerġija, ir-Rumanija) u s-Societatea de Producere a Energiei Electrice în Hidrocentrale Hidroelectrica SA (iktar 'il quddiem "Hidroelectrica"), fir-rigward tal-proċess verbal Nru 36119, tal-11 ta' Mejju 2015 stabbilit mill-ANRE kontra Hidroelectrica minħabba li din tal-aħħar ma kinitx offriet, fuq is-suq tal-elettriku kompetittiv Rumen, l-elettriku kollu disponibbli u kienet esportat parti minnu direttament lejn is-suq tal-elettriku Ungeriż.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 2009/72/KE*

3 Il-premessi 3, 5, 25 u 51 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55), jiddikjaraw:

"(3) Il-libertajiet li t-Trattat jiggarantixxi liċ-ċittadini tal-Unjoni – *inter alia*, il-moviment ħieles tal-merkanzija, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi – jistgħu jinkisbu biss f'suq miftuħ kompletament, li jippermetti lill-konsumaturi kollha li jagħżlu liberament il-fornituri tagħhom u li jippermetti lill-fornituri kollha biex jikkunsinjaw liberament il-prodotti lill-klijenti tagħhom.

[…]

(5) Il-Provvista sigura ta' elettriku hija ta' importanza essenzjali għall-iżvilupp tas-soċjetà Ewropea, għall-implimentazzjoni ta' politika sostenibbli għall-bidla fil-klima, kif ukoll sabiex titkattar il-kompetittività fi ħdan is-suq intern. […]

(25) Is-sigurtà tal-forniment tal-enerġija hija element essenzjali tas-sikurezza pubblika u hija għalhekk intrinsikament marbuta mat-tħaddim effiċjenti tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea tal-elettriku u l-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku iżolati tal-Istati Membri. […]

(51) L-interessi tal-konsumaturi għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' din id-Direttiva u l-kwalità tas-servizzi għandha tkun responsabilità ċentrali tal-intrapriżi tal-elettriku. Id-drittijiet eżistenti tal-konsumaturi jeħtieġ li jissaħħu u jiġu garantiti, u għandhom jinkludu aktar trasparenza. Il-ħarsien tal-konsumaturi għandu jiżgura li, fl-ambitu usa' tal-[Unjoni], il-konsumaturi kollha jibbenefikaw minn suq kompetittiv. Id-drittijiet tal-konsumaturi għandhom jiġu infurzati mill-Istati Membri, jew mill-awtoritajiet regolatorji meta l-Istat Membru jkun għamel provvediment għal dan."

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Obbligi tas-servizz pubbliku u l-protezzjoni tal-klijenti", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw, abbażi tal-organizzazzjoni istituzzjonali tagħhom u b'kont dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-impriżi tal-elettriku jiħaddmu konformement mal-prinċipji ta' din id-Direttiva bil-ħsieb li jintlaħaq suq kompetittiv, sigur, u ambjentalment sostenibbli fil-qasam tal-elettriku, u dawn ma għandhomx jiddiskriminaw bejn dawk l-impriżi fejn jikkonċerna d-drittijiet jew l-obbligi tagħhom."

5 L-Artikoli 36 sa 38 tal-imsemmija direttiva li jikkonċernaw, rispettivament, l-objettivi ġenerali, id-dmirijiet u s-setgħat tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u r-reġim regolatorju applikabbli għal kwistjonijiet transkonfinali, jipprevedu numru ta' strumenti ta' kooperazzjoni bejn dawn l-awtoritajiet.

*Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011*

6 L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU 2011, L 326, p. 1), jipprovdi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jipprojbixxu prattiċi abbużivi li jaffettwaw is-swieq tal-enerġija bl-ingrossa li huma koerenti mar-regoli applikabbli fis-swieq finanzjarji u mal-funzjonament korrett ta' dawk is-swieq bl-ingrossa filwaqt li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Huwa jipprovdi għall-monitoraġġ tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija [...] b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u filwaqt li jitqiesu l-interazzjonijiet bejn l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet u s-swieq tal-enerġija bl-ingrossa."

7 L-Artikoli 7 sa 9 tar-Regolament Nru 1227/2011 li jirrigwardaw, rispettivament, il-monitoraġġ tas-suq bl-ingrossa tal-enerġija, il-ġbir tad-data u r-reġistrazzjoni tal-parteċipanti f'dan is-suq, jistabbilixxu l-kompetenza tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jimponu lill-parteċipanti f'dan is-suq l-obbligu li jipprovdu ċerta informazzjoni lil din l-aġenzija u joħolqu reġistru Ewropew tal-parteċipanti fl-imsemmi suq, li huwa aċċessibbli għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, li fih tiġi rreġistrata l-iktar informazzjoni importanti dwar it-tranżazzjonijiet konklużi fuq l-istess suq.

*Ir-Regolament (UE) 2015/1222*

8 Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni (ĠU 2015, L 197, p. 24):

"Jekk diġà jkun jeżisti monopolju ġuridiku nazzjonali li jeskludi n-nomina ta' iktar minn NEMO wieħed għal servizzi ta' nnegozjar tal-ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata fi Stat Membru jew fiż-żona tal-offerti tal-Istat Membru fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat irid jinnotifika lill-Kummissjoni [Ewropea] fi żmien xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament u jista' jirrifjuta n-nomina ta' iktar minn NEMO wieħed f'żona tal-offerti."

***Id-dritt Rumen***

9 Il-Legea nr. 123 energiei electrice și a gazelor naturale (il-Liġi Nru 123 dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali), tal-10 ta' Lulju 2012 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 485, tas-16 ta' Lulju 2012), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali"), kienet tipprovdi:

"Artikolu 2

L-attivitajiet fil-qasam tal-enerġija elettrika u tal-enerġija termali ikkoġenerata għandhom jitwettqu sabiex jinkisbu l-għanijiet fundamentali li ġejjin:

[...]

c) il-ħolqien u l-garanzija tal-funzjonament tas-swieq tal-enerġija elettrika miftuħa għall-kompetizzjoni;

[...]

h) it-titjib tal-kompetittività tas-suq intern tal-enerġija elettrika u l-parteċipazzjoni attiva fl-iffurmar kemm tas-suq reġjonali kif ukoll tas-suq intern tal-enerġija tal-Unjoni [...] u fl-iżvilupp tal-iskambji transkonfinali;

[...]

Artikolu 3

Għall-finijiet ta' dan it-titolu, il-kliem u l-espressjonijiet hawn taħt għandhom jinftiehmu kif ġej:

[...]

38. operatur tas-suq tal-elettriku: il-persuna ġuridika li tiżgura l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni tas-swieq iċċentralizzati, bl-eċċezzjoni tas-suq tal-ibbilanċjar, għall-finijiet tan-negozjar bl-ingrossa tal-elettriku fuq terminu qasir, medju u twil.

[...]

49. suq iċċentralizzat tal-enerġija elettrika: qafas organizzat li fih isseħħ il-kummerċjalizzazzjoni tal-enerġija elettrika bejn diversi operaturi ekonomiċi, bil-parteċipazzjoni tal-operatur tas-suq tal-enerġija elettrika jew mill-operatur tat-trasport u tas-sistema, abbażi ta' regoli speċifiċi approvati mill-awtorità kompetenti;

[...]

Artikolu 10

[...]

2. L-awtorità kompetenti toħroġ liċenzji:

[...]

f) għall-ġestjoni tas-swieq iċċentralizzati; liċenzja waħda biss tingħata lill-operatur tas-suq tal-enerġija elettrika [...]

[…]

Artikolu 20

1. Is-suq tal-enerġija elettrika għandu jkun magħmul kemm mis-suq irregolat kif ukoll mis-suq miftuħ għall-kompetizzjoni, u l-kummerċjalizzazzjoni tal-enerġija elettrika għandha titwettaq bl-ingrossa jew bl-imnut.

[…]

Artikolu 23

1. Il-kummerċjalizzazzjoni tal-enerġija elettrika għandha ssir fis-suq kompetittiv b'mod trasparenti, pubbliku, iċċentralizzat u mhux diskriminatorju. […]

[…]

Artikolu 28

Il-produtturi għandhom prinċipalment l-obbligi li ġejjin:

[…]

c) li jwettqu l-kummerċjalizzazzjoni tal-enerġija elettrika kollha disponibbli fis-suq kompetittiv b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju.

[…]"

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 Hidroelectrica hija kumpannija rregolata mid-dritt privat Rumen, b'sehem pubbliku maġġoritarju, li l-attività tagħha tinkludi l-produzzjoni, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-elettriku. Hija detentriċi, fl-istess waqt, ta' liċenzja ta' produzzjoni u ta' liċenzja ta' provvista ta' elettriku fir-Rumanija kif ukoll ta' liċenzja ta' negozju maħruġa mill-Magyar Energetikai és Közmű-szabályozási Hivatal (MEKH) (l-Awtorità Regolatorja fil-Qasam tal-Enerġija u tas-Servizzi ta' Utilità Pubblika, l-Ungerija).

11 Fil-11 ta' Mejju 2015, l-ANRE nnotifikat lil Hidroelectrica, permezz tal-proċess verbal Nru 36119 (iktar 'il quddiem il-"proċess verbal") id-deċiżjoni tagħha li timponilha multa minħabba ksur, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 23(1) u tal-Artikolu 28(c) tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali. Fil-fatt l-ANRE kkonstatat li bejn ix-xahar ta' Diċembru 2014 u x-xahar ta' Frar 2015, Hidroelectrica kienet ikkonkludiet direttament kuntratti ta' bejgħ ta' elettriku fuq pjattaforma elettronika ta' negozjar Ungeriża, operata minn Tradition Financial Services Ltd, operatur irreġistrat fir-Renju Unit, filwaqt li din kellha obbligu li toffri kull enerġija elettrika disponibbli b'mod trasparenti, pubbliku, iċċentralizzat u mhux diskriminatorju fis-suq iċċentralizzat tal-elettriku Rumen, jiġifieri fuq il-pjattaformi ta' OPCOM SA, l-uniku operatur tas-suq tal-elettriku fir-Rumanija.

12 Fis-27 ta' Mejju 2015, Hidroelectrica ippreżentat rikors quddiem il-Judecătoria Sectorului 1 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tas-Settur 1 ta' Bukarest, ir-Rumanija) kontra l-proċess verbal u talbet l-annullament tal-multa imposta mill-ANRE. Hidroelectrica sostniet, minn naħa, li l-obbligu li tikkummerċjalizza esklużivament permezz ta' ċerti operaturi kkontrollati jew awtorizzati mill-Istat kien jikkostitwixxi limitazzjoni tal-kanali ta' distribuzzjoni inkompatibbli mal-Artikolu 35 TFUE u, min-naħa l-oħra, li dan l-obbligu, inkwantu miżura restrittiva tal-moviment liberu tal-enerġija elettrika, ma kienx ġie ġġustifikat fid-dawl tal-Artikolu 36 TFUE. Barra minn hekk, Hidroelectrica irrilevat li, f'rapport

tax-xahar ta' Jannar 2014 dwar ir-riżultati tal-istħarriġ settirjali fis-suq tal-elettriku, il-Consiliul Concurenței (l-Awtorità tal-Kompetizzjoni, ir-Rumanija) indikat li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-produtturi tal-elettriku jistgħu jwettqu bejgħ għall-esportazzjoni direttament (jew permezz ta' kumpanniji tal-grupp tagħhom).

13 Il-Judecătoria Sectorului 1 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tas-Settur 1 ta' Bukarest) annullat il-proċess verbal u ħelset lil Hidroelectrica mill-ħlas tal-multa li kienet ġiet imposta fuqha mill-ANRE. Hija qieset li n-negozjar estern għall-pjattaformi ċċentralizzati ta' OPCOM ma kienx neċessarjament jikser l-Artikolu 23(1) tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali.

14 L-ANRE appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, it-Tribunalul București (il-Qorti tad-Distrett ta' Bukarest, ir-Rumanija).

15 Din il-qorti tindika, qabel kollox, li, skont il-komunikazzjoni intitolata "Interpretazzjoni mill-ANRE tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi […] dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali fir-rigward tal-possibbiltà għall-produtturi li jesportaw l-enerġija elettrika" ippubblikata fit-13 ta' Frar 2015 fuq is-sit internet tal-ANRE, "kull enerġija elettrika disponibbli għandha tiġi offerta b'mod trasparenti, pubbliku, mhux diskriminatorju u ċċentralizzat fuq il-pjattaformi ta' OPCOM". F'dan ir-rigward din il-qorti tenfasizza li l-klassifikazzjoni bħala "ksur" tal-esportazzjoni diretta tal-elettriku għandha bħala effett li tipprekludi l-eżerċizzju ta' tali attività fid-dawl tas-sanzjonijiet ibsin li l-ANRE tista' timponi.

16 Il-qorti tar-rinviju tosserva, sussegwentement, li, f'kawża analoga, il-Judecătoria Sectorului 2 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tas-Settur 2 ta' Bukarest, ir-Rumanija) iddeċidiet li filwaqt li l-Artikolu 23(1) tal-Liġi dwar l-Elettriku l-Gass Naturali jimponi li l-kummerċjalizzazzjoni tal-elettriku tkun trasparenti, pubblika, iċċentralizzata u mhux diskriminatorja, din id-dispożizzjoni ma timponix li din tiżvolġi biss fuq il-pjattaformi ċċentralizzati ta' OPCOM. Minn dan l-imsemmija qorti kkonkludiet li n-negozjar barra mill-pjattaformi ċċentralizzati ta' OPCOM ma jiksirx neċessarjament l-imsemmija dispożizzjoni u li, konsegwentement, sabiex tissostanzja n-natura ta' ksur allegat tal-att tal-produttur tal-elettriku kkonċernat, l-ANRA jmissha stabbilixxiet li t-tranżazzjoni kkonċernata twettqet barra mis-suq kompetittiv b'mod mhux trasparenti, mhux pubbliku, mhux iċċentralizzat u b'mod diskriminatorju.

17 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tirrimarka li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tatx deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 35 TFUE fir-rigward ta' liġi, regolamentazzjoni jew ta' prassi amministrattiva li tistabbilixxi restrizzjoni għall-esportazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 35 TFUE jipprekludi interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) u tal-Artikolu 28(c) tal-[Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali] li abbażi tagħha l-produtturi tal-elettriku fir-Rumanija huma meħtieġa jikkumerċjalizzaw l-elettriku kollu prodott minnhom esklużivament f'suq kompetittiv iċċentralizzat fir-Rumanija, ladarba huwa possibbli li l-enerġija tiġi esportata, mhux direttament, iżda permezz ta' kumpanniji kummerċjali?"

## Fuq id-domanda preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

19 L-ANRE teċċepixxi l-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari billi ssostni li din it-talba ma tirrigwardax l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni iżda l-interpretazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali adottata minn awtorità nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex titqies li għandha ġurisdizzjoni tiddeċiedi diverġenza fl-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt nazzjonali.

20 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex obbligu, fil-kuntest tal-Artikolu 267 TFUE li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjoni ta' liġi jew regolament nazzjonali, jew mal-interpretazzjoni li ssir mill-operaturi legali nazzjonali, madankollu, hija għandha kompetenza tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni u li jippermettu lil din il-qorti tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjoni nazzjonali jew tal-interpretazzjoni tagħha mar-regola tad-dritt tal-Unjoni invokata (ara s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 1983, Syndicat national des fabricants raffineurs d'huile de graissage *et*, 172/82, EU:C:1983:69, punt 8, u tat-2 ta' Lulju 1987, Lefèvre, 188/86, EU:C:1987:327, punt 6).

21 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 29 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-qorti tar-rinviju ma titlobx lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali, iżda tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà tal-interpretazzjoni li ssir minn awtorità nazzjonali mal-Artikolu 35 TFUE.

22 Għalhekk l-argument dwar l-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari magħmul mill-ANRE għandu jiġi miċħud.

### *Fuq il-mertu*

23 Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 35 u 36 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li, kif interpretata mill-awtorità inkarigata mill-applikazzjoni tagħha, timponi lill-produtturi nazzjonali tal-elettriku li joffru l-elettriku kollu disponibbli fuq il-pjattaformi ġestiti mill-uniku operatur magħżul għas-servizzi ta' kummerċ tas-suq nazzjonali tal-elettriku, tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva għall-esportazzjoni li ma tistax tiġi ġġustifikata fil-konfront tal-Artikolu 36 TFUE jew minn rekwiżit imperattiv ta' interess ġenerali.

#### *Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 35 TFUE*

24 L-ANRE u l-Gvern Rumen isostnu li l-Artikolu 35 TFUE ma huwiex applikabbli f'dan il-każ peress li seħħet armonizzazzjoni leġiżlattiva fis-settur ikkonċernat fuq livell tal-Unjoni. Huma jqisu, minn naħa, li l-Artikolu 5 tar-Regolament 2015/1222 jippermetti lill-Istati Membri jagħżlu operatur wieħed għas-servizzi ta' kummerċ tas-suq nazzjonali tal-elettriku u, min-naħa l-oħra, li jekk diġà kien jeżisti monopolju legali għas-servizzi ta' kummerċ ta' kuljum u tal-istess ġurnata fi Stat Membru, dan l-Istat kellu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan f'terminu ta' xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. B'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-Ministru għall-Enerġija, għall-SMEs u għall-Affarijiet tal-Impriżi Rumen informa lill-Kummissjoni li bis-saħħa tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali, l-OPCOM hija l-unika ġestjonarja inkarigata tas-suq tal-elettriku għas-servizzi ta' kummerċ fir-Rumanija. Konsegwentement huwa fid-dawl tar-Regolament 2015/1222 li għandha tiġi evalwata din il-liġi.

25 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li kull miżura nazzjonali relatata ma' qasam li huwa suġġett għal armonizzazzjoni eżawrjenti fuq livell tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni u mhux ta' dawk tad-dritt primarju (sentenza tat-18 ta' Settembru 2019, VIPA, C-222/18, EU:C:2019:751, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat li l-fatti fil-kawża prinċipali ma humiex koperti mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolament 2015/1222. Fil-fatt, dawn il-fatti seħħew bejn ix-xahar ta' Diċembru 2014 u x-xahar ta' Frar 2015, filwaqt li dan ir-regolament daħal fis-seħħ, konformement mal-Artikolu 84 tiegħu, biss fl-14 ta' Awwissu 2015, l-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-25 ta' Lulju 2015.

27 Barra minn hekk, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 35 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-Direttiva 2009/72, inkwantu regolamentazzjoni tas-suq intern tal-elettriku, ma jwettaqx armonizzazzjoni kompleta ta' dan is-suq u ma jistabbilixxix regoli speċifiċi fil-qasam tal-kummerċ tal-elettriku. Kif jirriżulta mill-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, din tistabbilixxi biss ċertu numru ta' prinċipji ġenerali li l-Istati Membri għandhom josservaw bil-għan li jiġi fis-seħħ suq tal-elettriku kompetittiv, sigur u ambjentalment sostenibbli.

28 Għalhekk l-Artikolu 35 TFUE huwa applikabbli f'dan il-każ, ġaladarba l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-elettriku jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat FUE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' April 1994, Almelo, C-393/92, EU:C:1994:171, punt 28, u tal-11 ta' Settembru 2014, Essent Belgium, C-204/12 sa C-208/12, EU:C:2014:2192, punt 122).

*Fuq l-eżistenza ta' miżura li għandha effett ekwivalenti fis-sens tal-Artikolu 35 TFUE*

29 Sabiex tiġi solvuta l-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-awtorità inkarigata milli tapplikaha, tikkostitwixxix miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva, fis-sens tal-Artikolu 35 TFUE, jeħtieġ li jitfakkar li, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja kklassifikat bħala miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva, fis-sens ta' dan l-artikolu, il-miżuri nazzjonali applikabbli għall-operaturi kollha attivi fit-territorju nazzjonali li jaffettwaw, fil-fatt, iktar il-prodotti ħerġin mis-suq tal-Istat Membru ta' esportazzjoni milli l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fis-suq nazzjonali ta' dan l-Istat Membru (sentenza tat-28 ta' Frar 2018, ZPT, C-518/16, EU:C:2018:126, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kull restrizzjoni, anki ta' importanza minuri, fid-dawl tal-libertajiet fundamentali previsti mit-Trattat FUE, hija pprojbita minnu sakemm l-effetti tagħha ma jkunux wisq każwali jew wisq indiretti biex tali restrizzjoni tkun tista' titqies bħala restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 35 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 2018, ZPT, C-518/16, EU:C:2018:126, punt 44 u tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar, C-15/15, EU:C:2016:464, punti 37 u 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 L-ANRE u l-Gvern Rumen isostnu li l-obbligu li l-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 28(c) tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali jimponu lill-produtturi joffru l-elettriku kollu disponibbli fis-suq iċċentralizzat nazzjonali ma jirrigwardax biss l-esportazzjonijiet. Sabiex juru li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex effetti restrittivi fuq l-esportazzjonijiet tal-enerġija elettrika, huma jagħmlu riferiment għal statistika li tikkonstata żieda f'din l-esportazzjoni.

31 Madankollu, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kif interpretati mill-ANRE, għandhom bħala effett li jċaħħdu lill-produtturi Rumeni tal-elettriku li kisbu liċenzji għal kummerċ fi Stati Membri oħra, li s-swieq tagħhom tal-elettriku u dak tar-Rumanija jiffunzjonaw b'mod interkonness, mill-possibbiltà li jinnegozjaw l-elettriku b'mod bilaterali u, jekk ikun il-każ, li jesportawh direttament lejn dawn is-swieq. Issa, billi jipprekludu n-negozjar bilaterali bejn

il-produtturi tal-elettriku u l-klijenti potenzjali tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet jipprojbixxu impliċitament l-esportazzjonijiet diretti u jfissru li l-elettriku prodott fl-Istat Membru kkonċernat jiġi dirett ulterjorment lejn il-konsum intern, kif irrikonoxxa l-Gvern Rumen innifsu.

32 L-istatistika msemmija mill-ANRE u l-Gvern Rumen, li tistabbilixxi żieda fl-esportazzjonijiet tas-suq tal-elettriku Rumen, ma hijiex tali li tinvalida dawn il-kunsiderazzjonijiet, sa fejn ma jistax jiġi eskluż li l-livell tal-esportazzjonijiet ikun wisq iktar ogħla fl-assenza tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Tali data tippermetti biss li jiġi konkluż li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex bħala effett li tipprekludi l-esportazzjoni kollha tal-elettriku mis-suq Rumen, liema fatt ma huwiex ikkontestat fil-kawża prinċipali.

33 Għalhekk, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taffettwa ulterjorment l-esportazzjoni tal-elettriku inkwantu hija tipprojbixxi l-esportazzjoni diretta tal-produtturi tal-elettriku mir-Rumanija billi tagħti l-prijorità għall-provvista tal-elettriku fuq is-suq nazzjonali. Konsegwentement tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fis-sens tal-Artikolu 35 TFUE.

*Fuq il-ġustifikazzjoni tal-miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fis-sens tal-Artikolu 35 TFUE*

34 Miżura nazzjonali kuntrarja għall-Artikolu 35 TFUE tista' tkun iġġustifikata b'waħda mir-raġunijiet iddikjarati fl-Artikolu 36 TFUE kif ukoll b'rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali, sakemm l-għan li hija tixtieq tilħaq ikun leġittimu u li tkun proporzjonata ma' dan l-għan (ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Gysbrechts u Santurel Inter, C-205/07, EU:C:2008:730, punt 45). Huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jindikaw ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw tali miżuri bħala projbizzjonijiet li jikkostitwixxu eċċezzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija.

35 F'dan il-każ, qabel kollox il-Gvern Rumen sostna, b'mod ġenerali, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li l-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 28(c) tal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali ġew introdotti biex jiżguraw it-trasparenza tal-konklużjoni ta' kuntratti fuq suq funzjonali, billi jiffavorixxu l-kompetizzjoni leali u l-faċilità ta' aċċess għal fornituri differenti bil-għan li jiggarantixxu lill-konsumaturi s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Sussegwentement, waqt is-seduta, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-gvern ippreċiża li din il-liġi għandha l-għan li tipproteġi s-sigurtà fil-provvista tal-enerġija.

36 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-protezzjoni tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija tista' tirriżulta mir-raġunijiet ta' sigurtà pubblika, fis-sens tal-Artikolu 36 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 1984, Campus Oil *et*, 72/83, EU:C:1984:256, punt 34).

37 Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li hemm lok li jiġi evalwat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, interpretata fis-sens li l-produtturi nazzjonali tal-elettriku għandhom joffru l-elettriku kollu disponibbli fuq il-pjattaformi ġestiti mill-uniku operatur magħżul għas-servizzi ta' kummerċ tas-suq nazzjonali tal-elettriku, huwa proporzjonali għall-għan leġittimu li għandu jintlaħaq. Għal dan l-għan, jeħtieġ mhux biss li jiġi vverifikat jekk il-mezzi li hija timplimenta humiex xierqa sabiex jiġi ggarantit li dan l-għan jintlaħaq, iżda wkoll jekk dawn imorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Gysbrechts u Santurel Inter, C-205/07, EU:C:2008:730, punt 51).

38 Fir-rigward tal-kapaċità ta' din il-leġiżlazzjoni li tilħaq l-għan ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku, jeħtieġ li jiġi osservat li l-obbligu impost lill-produtturi nazzjonali tal-elettriku li joffru l-elettriku kollu disponibbli fuq il-pjattaformi ta' negozjar ġestiti mill-uniku operatur magħżul għas-servizzi ta'

kummerċ bejn dawn il-produtturi u l-klijenti tagħhom, ma jidhirx, inkwantu tali, li ma jistax jiggarantixxi l-għan ta' sigurtà ta' provvista ta' elettriku, sa fejn huwa intiż li jiżgura li l-elettriku disponibbli jiġi ulterjorment dirett lejn il-konsum intern.

39 Madankollu, jeħtieġ li jitfakkar li miżura restrittiva tista' titqies li hija adegwata biex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan li għandu jintlaħaq biss jekk tissodisfa verament ir-rieda li dan jinkiseb b'mod koerenti u sistematiku (sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et*, C-333/14, EU:C:2015:845, punt 37).

40 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li l-intermedjarji jistgħu jixtru l-elettriku fuq is-suq bl-ingrossa sabiex sussegwentement jesportawha lejn Stati Membri oħra, mingħajr restrizzjonijiet analogi għal dawk imposti lill-produtturi, jiżvela l-inkoerenza tal-miżura kkonċernata mal-għan li għandu jintlaħaq. Fil-fatt, għalkemm, skont il-Gvern Rumen, l-esportazzjonijiet diretti tal-elettriku jikkompromettu s-sigurtà ta' provvista tal-elettriku, tali riskju jeżisti sew jekk l-esportazzjonijiet isiru mill-produtturi sew jekk isiru mill-intermedjarji.

41 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li għandha l-intenzjoni li tikseb, il-Gvern Rumen isostni li n-negozjati mill-perspettiva bilaterali jagħtu lok għal distorsjoni tas-suq tal-elettriku, b'mod partikolari meta l-produttur ikollu sehem minn parti importanti ta' dan is-suq – li huwa l-każ ta' Hidroelectrica. Skont dan il-gvern, l-esportazzjonijiet diretti tal-elettriku għandhom effett negattiv fuq id-disponibbiltà tal-elettriku fuq is-suq nazzjonali u fuq kif ser jiżviluppa l-prezz tal-elettriku. L-obbligu li jiġi offrut l-elettriku kollu disponibbli fuq il-pjattaformi ta' negozjar ġestiti mill-uniku operatur magħżul ta' dan is-suq huwa konsegwentement proporzjonat fid-dawl tar-riskju li jinħoloq min-negozjar mhux trasparenti u diskriminatorju tal-elettriku.

42 Madankollu, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 73 u 74 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-obbligu li l-elettriku kollu disponibbli jiġi offrut fuq il-pjattaformi ta' negozjar ġestiti mill-uniku operatur magħżul għas-servizzi ta' kummerċ tal-elettriku nazzjonali, bħala miżura intiża li jiġi evitat l-effett negattiv tal-esportazzjonijiet diretti fuq kif jiżviluppa l-prezz tal-elettriku fuq is-suq nazzjonali, imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà ta' provvista tal-elettriku.

43 Fil-fatt, il-garanzija ta' provvista tal-elettriku ma tfissirx il-garanzija ta' provvista tal-elettriku bl-aħjar prezz. Il-kunsiderazzjonijiet ta' natura purament ekonomika u kummerċjali li fuqhom hija mibnija l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex dovuti għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika fis-sens tal-Artikolu 36 TFUE u lanqas għal rekwiżiti ta' interess ġenerali li jippermettu li jiġu ġġustifikati r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjoni jew il-miżuri li għandhom effett ekwivalenti. Kieku tali kunsiderazzjonijiet setgħu jiġġustifikaw il-projbizzjoni tal-esportazzjoni diretta tal-elettriku, allura jitqiegħed inkwistjoni l-prinċipju nnifsu tas-suq intern.

44 Fir-rigward tar-riskju li, skont il-Gvern Rumen, jiġi kkawżat min-negozjar mhux trasparenti u diskriminatorju tal-elettriku għall-provvista tas-suq nazzjonali, jeħtieġ li jiġi osservat li f'dan il-każ jeżistu miżuri inqas restrittivi tal-moviment liberu tal-elettriku fis-suq intern meta mqabbel mal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

45 Fil-fatt, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 64 sa 70 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali miżuri huma msemmija, b'mod partikolari, fl-Artikoli 7 sa 9 tar-Regolament Nru 1227/2011 u fl-Artikoli 36 sa 38 tad-Direttiva 2009/72. Dawn id-dispożizzjonijiet jintroduċu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-qasam tas-sorveljanza tas-swieq bl-ingrossa tal-enerġija u jipprevedu regoli intiżi sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u l-integrità ta' dan is-suq.

46 Mill-punti preċedenti jirriżulta li l-obbligu impost fuq il-produtturi nazzjonali tal-elettriku li joffru l-elettriku kollu disponibbli fuq il-pjattaformi ġestiti mill-uniku operatur magħżul għas-servizzi ta' kummerċ tas-suq nazzjonali tal-elettriku jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan intiż.

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għad-domanda magħmula tkun li l-Artikoli 35 u 36 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li, kif interpretat mill-awtorità inkarigata mill-applikazzjoni tagħha, timponi lill-produtturi nazzjonali tal-elettriku joffru l-elettriku kollu disponibbli fuq il-pjattaformi ġestiti mill-uniku operatur magħżul għas-servizzi ta' kummerċ tas-suq nazzjonali tal-elettriku, tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni li ma tistax tiġi ġġustifikata permezz ta' raġunijiet ta' sigurtà pubblika marbuta mas-sigurtà ta' provvista enerġetika fejn tali leġiżlazzjoni ma hijiex proporzjonali għall-għan li għandu jintlaħaq.

**Fuq l-ispejjeż**

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 35 u 36 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li, kif interpretat mill-awtorità inkarigata mill-applikazzjoni tagħha, timponi lill-produtturi nazzjonali tal-elettriku joffru l-elettriku kollu disponibbli fuq il-pjattaformi ġestiti mill-uniku operatur magħżul għas-servizzi ta' kummerċ tas-suq nazzjonali tal-elettriku, tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni li ma tistax tiġi ġġustifikata permezz ta' raġunijiet ta' sigurtà pubblika marbuta mas-sigurtà ta' provvista enerġetika fejn tali leġiżlazzjoni ma hijiex proporzjonali għall-għan li għandu jintlaħaq.**

Firem